MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF
LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-17 ta' Lulju, 2024

Appell Inferjuri Numru 120/2023 LM

**Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali fi ħdan
il-Ministru tal-Agrikoltura, s-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Organizzazzjoni Produtturi Għeneb tal-Inbid**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata **Organizzazzjoni Produtturi Għeneb tal-Inbid** [hawnhekk 'l-appellanta'] mid-deċiżjoni preliminari tal-Arbitru fi ħdan iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta [minn issa 'l quddiem 'iċ-Ċentru'] tat-22 ta' Novembru, 2023, [minn issa 'l quddiem 'il-lodo arbitrali'], li permezz tiegħu

l-Arbitru ċaħad l-ewwel eċċezzjoni tagħha għat-talbiet magħmulin fil-konfront tagħha mill-**Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali fi ħdan il-Ministru tal-Agrikoltura, s-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali** [minn issa 'l quddiem 'l-appellata'], u ordna l-prosegwiment tas-smigħ fil-mertu.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-partijiet iffirmaw ftehim bejniethom fis-27 ta' Settembru, 2010 dwar l-għajnuna finanzjarja li l-appellanta kienet eliġibbli għaliha taħt sejħa għall-applikazzjonijiet, li nħarġet mill-Awtorità ta' Tmexxija għall-Iżvilupp Rurali taħt il-Programm għall-Iżvilupp Rurali għal Malta 2007-2013. L-appellanta allegatament naqset milli timxi mal-pattijiet u l-kundizzjonijiet ta' dak il-ftehim, u għalhekk ġew imposti penali fuqha mill-appellata, u konsegwentement korrezzjoni ta' 10% fuq il-fondi mogħtija lilha sabiex b'hekk din tal-aħħar kellha l-obbligu li tirkupra s-somma ta' €8,880.00.

**<u>Mertu</u>**

3. Fl-Avviż tal-Arbitraġġ u fid-Dikjarazzjoni tat-Talba tagħha, l-appellata ddikjarat li l-appellanta kienet dovuta lejha s-somma ta' €8,880 rappreżentanti penali, u dan skont ftehim iffirmat bejniethom fis-27 ta' Settembru, 2010, u talbet l-Arbitru sabiex jikkundannaha tħallas is-somma msemmija, bl-ispejjeż u bl-imgħax.

4. L-appellanta wieġbet fl-20 ta' Marzu, 2023, fejn eċċepiet preliminarjament il-preskrizzjoni tat-talbiet tal-appellata *ai termini* tal-para. (d) u (f) tal-artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili.

**Il-Lodo Arbitrali Appellat**

12. Sabiex wasal għad-deċiżjoni tiegħu, l-Arbitru għamel is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

*"IV. **KUNSIDERAZZJONI***

1. *Jibda biex jingħad illi dan il-lodo arbitrali qed jittratta biss il-punt preliminari tal-preskrizzjoni sollevata mill-Organizzazzjoni intimata.*
2. *Il-każ jirrigwarda talba għall-ħlas ta' tmint elef, tmien mija u tmenin Euro (€8,880.00) rappreżentanti penali/rifużjoni ta' fondi frott ksur ta' ftehim u linji gwida relatati, ammont dovut lill-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali mingħand l-intimata Organizzazzjoni Produtturi Għeneb għall-Inbid. Tali tirrappreżenta korrezzjoni ta' 10% fuq parti mill-fondi mogħtija, in kwantu 75% ta' dawn il-fondi u ċioe' sitt elef sitt mija u sittin Euro (€6,660.00) ġejjin minn fondi tal-Unjoni Ewropea u 25% ta' dawn il-fondi u ċioe' elfejn mitejn u għoxrin Euro (€2,220.00) ġejjin minn fondi pubbliċi.*
3. *L-għajnuna mogħtija kienet fis-somma ta' mija u dsatax -il elf sitt mija u erbgħin Euro* [recte!] *(€119,640.00) eskluż VAT, u d-data tal-bidu tal-proġett kienet l-1 ta' Ġunju, 2010, u d-data tat-tmiem il-31 ta' Mejju, 2013. Il-proġett kien taħt il-Miżura 124 tal-European Agriculture Fund for Rural Development (EAFRD) kif jirriżulta mid-Dok. ARPA1.*
4. *Skont ir-rikorrenti l-Organizzazzjoni intimata ma mxietx mal-ftehim, u b'ordni mill-Internal Audit and Investigations Department (IAID) ġiet imposta penali fuq l-imsemmija organizzazzjoni. L-allegazzjoni hi li l-organizzazzjoni intimata ma mxietx mal-proċeduri meta saret talba biex tbiddel wieħed mill-fornituri u naqset milli tippreżenta tlett kwotazzjonijiet mingħand tlett fornituri. Għalhekk ġiet imposta korrezzjoni ta' 10% u l-ARPA qed titlob li tirkupra tmint elef, tmien mija*

*u tmenin Euro (€8,880.00). Sussegwentement intbagħtu* recovery letters *lill-Organizzazzjoni intimata, kif ukoll ittri uffiċjali msemmija aktar 'il quddiem.*

5. *Qed jingħad li t-talbiet rikorrenti huma preskritti ai termini tal-artikolu 2156(d) u l-art. 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

6. *Jigi rilevat li għall-fini ta' din l-eċċezzjoni xehdu Saviour Azzopardi, President tal-Għaqda intimata, u Martin Pisani li huwa Accounts Manager fi ħdan l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali.*

7. *Saviour Azzopardi ikkonferma li l-Organizzazzjoni mhumiex debituri tal-Aġenzija rikorrenti u li m'għandhom jagħtuha xejn.*

8. *Martin Pisani spjega li l-iskop tal-Aġenzija rikorrenti huwa li tqassam il-benefiċċji mill-Community Agriculture Policy tal-Unjoni Ewropea, li hija għajnuna finanzjarja min-naħa tal-Unjoni Ewropea lill-komunità agrikola ta' Malta u Għawdex, u l-Aġenzija hija akkreditata a bażi ta' opinjoni ta-certifying body li hi l-Internal Audit and Investigations Department (IAID). Dan tal-aħħar jiċċekkja l-kotba finanzjarja u jidħol fil-mertu tal-miżuri kif ikunu jingħataw. Fis-27 ta' Settembru, 2010 (Dok. ARPA1) kien sar il-ftehim mal-organizzazzjoni intimata. Fid-19 ta' Ottubru, 2015 l-Aġenzija bagħtet ittra korrettorja (Dok. ARPA2) fejn intalbet ir-rifużjoni bħala penali, u dana l-ammont reklamat f'dan l-arbitraġġ. Skont x-xhud l-intimati kellhom jissottomettu tliet kwotazzjonijiet minn tliet fornituri differenti li m'għandhomx relazzjoni bejniethom. L-IAID nnutat nuqqas fis-sottomissjonijiet tal-organizzazzjoni intimata, u ntalbet li ssir l-korrezzjoni finanzjarja, kif jirriżulta mid-Dok. ARPA2. Għalhekk jikkuntattjaw lill-uffiċjali tagħhom biex jiġbru l-flus dovuti bħala rifużjoni. Dan skont regolament 1306/2013 tal-Unjoni Ewropea.*

   *Is-somma mitluba fid-Dok. ARPA2 kienet ta' tmien elef tmien mija u tmenin Ewro (€8,880.00) bl-ittra datata 19 ta' Ottubru, 2015 (Dok. ARPA2). Huwa qabel li meta saret din it-talba, l-organizzazzjoni intimata kienet ġja ġabet l-awtorizzazzjoni mingħand ir-rikorrenti biex tagħmel it-tibdil li sar, u kien biss meta ġiet senjalata mill-IAID li tressqet il-pretensjoni, u ċioe wara li ngħatat l-awtorizzazzjoni.*

   *Fil-kuntest ta' dak li xehed dan ix-xhud, jiġi rilevat li dan ilu hemm sentejn u nofs biss, u l-informazzjoni li qed jagħti hija mill-familjarità tiegħu mad-dokument relattiv għall-kwistjoni.*

   *Huwa qabel li mill-file irriżulta li taw l-awtorizzazzjoni kollha meħtieġa biex jingħataw il-fondi kollha. Huwa qabel li kien fl-2015 li intalbet lura is-somma*

*pretiża, skont ittri mibgħuta fl-1 ta' Ottubru, 2015, u 19 ta' Ottubru, 2015. Hu spjega li huma obbligati li jfittxuhom skont ir-regolamenti. Ix-xhud ma kienx f'posizzjoni li jgħid xi skambju sar bejn l-Aġenzija u l-IAID, ħlief dak li jirriżultalu mill-file. Ix-xhud insista li la darba huma ingħataw struzzjonijiet, huma jipproċedu.*

9. *Jirrizulta li l-ftehim sar fis-27 ta' Settembru, 2010, Dok. ARPA1.*

   *Fid-19 ta' Ottubru, 2015 Dok. ARPA2, saret ittra korrettorja għat-talba għar-rifużjoni.*

   *Din ġiet segwita b'ittra oħra datata 4 ta' Novembru, 2015, Dok. ARPA2.*

   *L-ewwel ittra uffiċjali li ntbagħtet lill-Organizzazzjoni intimata kien fl-24 ta' April, 2017, Dok. ARPA3 (Dok. OPGI1) (Dok. A). Wara kien hemm ittra uffiċjali oħra fl-4 ta' Frar, 2022 Dok. ARPA3.2, u sussegwentement ittra uffiċjali fit-28 ta' April, 2022, Dok. ARPA3.3.*

   *Għalhekk minn meta sar il-kuntratt sal-ewwel ittra uffiċjali kienu għaddew kważi sitt snin u nofs.*

10. *Issa jiġi rielvat illi l-artikolu 2156 jipprovdi, fost oħrajn, li l-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*

    *L-Art. 2156(d) jipprovdi li: "*L-azzjonijiet għall-ħlas ta' mgħaxijiet ta' somom meħuda b'self jew taħt titolu ieħor, u, in ġenerali, ta' dak kollu li jitħallas bis-sena jew kull tant żmien ieħor aqsar minn sena."

    *L-Art. 2156(f) jipprovdi li* 'L-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku."

11. *Jibda biex jingħad illi hawn definittivament it-talba ma tirrigwardax ħlas ta' imgħaxijiet kif provdut fl-imsemmi Art. 2156(d). It-talba fil-fatt hija espliċitament għall-ħlas ta' tmint elef, tmien mija u tmenin Euro (€8,880.00) rappreżentanti <u>penali</u> allegatament frott ksur ta' ftehim u linji gwida relatat, u għalhekk ir-rifużjoni ta' tali somma. Definitivament ma kienx jittratta dwar ħlas ta' imgħaxijiet. Għalhekk tali Artikolu ma japplikax għall-każ in eżami.*

12. *Dwar li l-azzjoni hi preskritta ai termini tal-artikolu 2156(f), qed issir referenza għal dak li ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell fil-kawża GO p.l.c. vs Dr Joseph Pace (11 ta' Diċembru, 2009), per Onor. Philip Sciberras li jagħmel referenza għall-awturi Baudry-Lacantinerie u Tissier fejn jingħad li:-*

"Quanto all prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui è nato il diritto o l'azione che è destinata ad estinguere..." *(Cfr. Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile: Della Prescrizione Cap XII, par 364 pag. 279.). Għalhekk huwa stabbilit minn meta l-azzjoni għandha tinbeda u dana ma jistgħax jitħalla a diskrezzjoni ta' dak li jkun li jew għax ma kienx a konoxxenza tal-fatti, jew raġunijiet oħra, jagħżel li jibda azzjoni wara d-dekors tat-terminu. Għalhekk l-ewwel ħaġa li trid tiġi determinata hija d-data minn meta beda jseħħ id-dritt tal-azzjoni għar-rifużjoni tal-fondi mingħand l-Organizzazzjoni intimata, salv u impreġudikat kull kwistjoni li tirrigwarda il-mertu, għaliex f'dan il-waqt qed tiġi eżaminata biss l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata.*

13. *Fl-istess deċiżjoni fuq ċitata jingħad ukoll li:* "Rigward il-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2156(f) jingħad li fil-kawża, Giovanni Saliba et vs Angelo Grech deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-sebgħa (7) ta' Frar 1949, ingħad li: "...fejn fl-artikolu 2156(f) jingħad "għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor..." dik il-kelma "ieħor" turi biċ-ċar illi l-leġislatur qiegħed jikkommetti din id-depożizzjoni mas-sezzjonijiet preċedenti, fejn huma ndikati krediti speċifiċi w għalhekk dak il-kreditu għandu jkun eiusdem generis skont ir-regola komunament aċċettata fil-ġurisprudenza." *u f'din il-kawża saret referenza wkoll għal Spiteri vs Petrococchino et deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fid-disgħa (9) ta' Jannar 1919.*

    *Huwa għalhekk prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza li l-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2156(f) hija soġġetta għal interpretazzjoni* eiusdem generis.*"*

14. *Kif inhu ben risaput, f'materja ta' preskrizzjoni, ġudikant ma jistax jibdel l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni partikolari sollevata, u jibdilha b'oħra, jekk dik l-eċċezzjoni ma tkunx ġiet sollevata mill-parti. Fil-każ in eżami il-preskrizzjoni tittrata dwar flus dovuti minn attivitajiet kummerċjali jew kull kreditu ieħor.*

15. *Jidher li l-enfasi qed issir fuq il-fatt li hawn si tratta ta' kreditu ieħor kif ingħad fis-sottomissjoni tal-abbli Avukat tal-Organizzazzjoni intimata. F'dan il-kuntest l-Avukat tal-Organizzazzjoni intimata għamel referenza għall-Arbitraġġ numru ARB PA 5580/2018, mogħti fil-15 ta' Settembru 2022, mill-Arbitru Dr. Kevin Camilleri Xuereb u din id-darba kienu f'ismijiet inversi, fl-ismijiet "Buttigieg Francis vs Aġenzija ghall-Pagamenti Agrikoli u Rurali", u hemm ukoll si trattava ta' rifużjoni u ġiet akkolta l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni taħt l-Artikolu 2156(f).*

16. *Għalhekk qed tiġi akkolta t-teżi tal-Organizzazzjoni intimata li hawn si trattava ta' "penali" jew "rifużjoni ta' fondi" fi sfond ta' attività kummerċjali, u fiċ-ċirkostanzi din taqa' taħt l-imsemmi artikolu 2156(f).*

17. *Kif ingħad, l-Avukat tal-Organizzazzjoni intimata, tella' lil Saviour Azzopardi, President tal-Organizazzjoni intimata, li taħt ġurament stqarr li l-Organizzazzjoni m'hijiex debitriċi tal-Aġenzija rikorrenti, u li ma għandhom jagħtuha xejn.*

18. *Tibqa' l-kwistjoni sollevata mill-abbli Avukatessa tar-rikorrenti, ċioe li għamlet referenza għall-Artikolu 2160 tal-Kap. 16 li jipprovdi hekk:*

    Art. 2160(1): "Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa."

    Filwaqt li l-Art. 2160(3) jipprovdi li: "Fil-proċeduri għall-ġbir ta' debiti li għalihom hemm referenza fil-proviso għall-artikolu 2156, meta parti tagħti ġurament li hija mhijiex debitur, din trid tagħti raġunijiet għaliex qed tqis lilha nnifisha li mhijiex debitur.

19. *Saviour Azzopardi, President tal-Organizazzjoni intimata, skont l-Art. 2160 (1) tal-Kap. 16, ħa l-ġurament u qal li l-organizzazzjoni mhijiex debitriċi. Però dan ma qalx għaliex, ma tax raġunijiet għala mhijiex debitriċi, u dana kif rikjest mill-Art. 2160(3) tal-Kap. 16, dan kif emendat bl-Att 1 tal-2017.*

20. *Għalhekk fiċ-ċirkostanzi ma hemmx lok li tiġi akkolta l-eċċezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni, sollevata."*

## **L-Appell**

13. L-appellanta appellat mil-lodo arbitrali quddiem din il-Qorti permezz ta' rikors ntavolat fil-11 ta' Diċembru, 2023, fejn qiegħda titlobha sabiex:

> *"... jogħġobha tilqa' dan l-appell u konsegwentement tannulla u tħassar id-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru datata 22 ta' Novembru 2023 fl-ismijiet premessi u tilqa' l-eċċezzjoni preliminari dwar preskrizzjoni mressqa mill-appellanti u konsegwentement tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti appellata fil-konfront tal-esponenti appellanti bl-ispejjeż kollha kontra l-istess Aġenzija appellata."*

Tgħid li l-aggravju tagħha huwa li l-Arbitru applika ħażin l-artikolu tal-liġi applikabbli għall-vertenza odjerna.

14. L-appellata wieġbet fl-10 ta' Jannar, 2024, fejn sostniet li l-appell odjern għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontra l-appellanta.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

16. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju li qiegħda tressaq l-appellanta, u dan fid-dawl tas-sottomissjonijiet tal-parti l-oħra, u ta' dak li ddeċieda l-Arbitru.

17. L-appellanta qiegħda tikkontendi li l-Arbitru applika l-artikolu tal-liġi b'mod żbaljat għall-każ odjern. Tirrileva li mil-lodo arbitrali jirriżulta b'mod ċar li l-imsemmi Arbitru aċċetta li huwa applikabbli hawnhekk l-para. (f) tal-artikolu 2156 tal-Kap. 16, u aċċetta wkoll il-pożizzjoni tagħha. Iżda huwa ma kienx laqa' l-eċċezzjoni tagħha, billi applika s-subartikolu 2160(3) tal-Kap. 16, li hija ssostni li mhuwiex applikabbli għall-każ odjern. Filwaqt li tiċċita dak li jipprovdi l-*proviso* tal-artikolu 2156 tal-Kap. 16, l-appellanta tissottometti li huwa ċar li s-subartikolu suriferit japplika biss għall-paragrafi (a) u (ċ) tal-artikolu 2156, iżda mhux għall-para. (f) tal-artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili. Tkompli tikkontendi li għalhekk l-ġurament mogħti lill-President tagħha, kien biżżejjed sabiex jissodisfa dak li jitlob s-subartikolu 2160(1) tal-Kodiċi Ċivili, mingħajr il-bżonn li tingħata raġuni *ai termini* tas-subartikolu (3) tal-artikolu 2160 tal-Kap. 16.

18. L-appellata tilqa' billi tirrileva li punt tassew importanti huwa li l-kawżali tal-proċeduri odjerni ssib l-għeruq tagħha f'rapport tal-*Internal Audit and*

*Investigations Department,* u kien proprju mid-data ta' dak ir-rapport li beda jiddekorri t-terminu ta' preskrizzjoni. Imma ma kienux leħqu għaddew ħames snin mill-ewwel darba li l-appellata ntalbet sabiex tagħti lura parti mill-fondi li ngħatat. L-appellata tissottometti li skont l-artikolu 57 tal-Kap. 601, l-azzjoni li kellha tittieħed mhijiex milquta minn kwalunkwe terminu preskrittiv.

19. Il-Qorti tibda billi qabel xejn tirrileva li ma jirriżultax mid-disposizzjonijiet tal-artikolu 57 tal-Kap. 601 li l-azzjonijiet hemm imsemmija, kif inhi dik odjerna, m'għandhomx jintlaqtu mill-preskrizzjoni kif qiegħda tikkontendi l-appellata. Għalhekk hija qegħda mill-ewwel twarrab din is-sottomissjoni tagħha. Min-naħa l-oħra l-Qorti hija tal-fehma li l-appellanta għandha raġun meta tikkontendi li s-subartikolu 2160(3) tal-Kodiċi Ċivili mhuwiex applikabbli għall-każ odjern ġaladarba l-eċċezzjoni tagħha ma taqax taħt il-paragrafi (a) u (ċ) tal-artikolu 2156 tal-Kap. 16, iżda taħt paragrafu ieħor tal-istess artikolu. Tagħraf li kuntrarjament għal dak li ġie deċiż mill-Arbitru, hawnhekk huma biss applikabbli d-disposizzjonijiet tas-subartikolu 2160(1) tal-Kodiċi Ċivili, u ma jirriżulta l-ebda rekwiżit legali li għandhom jingħataw ir-raġunijiet għaliex parti ma tkunx tikkunsidra lilha nnifisha bħala debitriċi tal-parti l-oħra li tkun ressqet l-azzjoni kontriha.

20. L-Arbitru għaraf li x-xhud Saviour Azzopardi bħala President tal-appellanta, stqarr taħt ġurament li l-appellanta mhijiex debitriċi tal-appellata. Għalhekk il-Qorti tgħid li dak rikjest mil-liġi ġie ampjament sodisfatt, u l-eċċezzjoni tal-appellanta għandha tintlaqa' ġaladarba jirriżulta li għaddew iktar minn ħames snin mid-data tar-*Recovery Letter* maħruġa mill-*Paying Agency*[1], u

[1] Maħruġa fl-1 ta' Ottubru, 2015, kif korretta bl-ittra datata 19 ta' Ottubru, 2015.

d-data tal-ittra uffiċjali li ġiet debitament notifikata lill-appellanta fl-14 ta' Frar, 2022.[2]

Għaldaqstant il-Qorti ssib l-aggravju tal-appellanta ġustifikat, u sejra tilqgħu.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tilqa' l-appell tal-appellanta, filwaqt li tannulla u tħassar il-lodo arbitrali, tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tagħha dwar preskrizzjoni, u tiċħad it-talbiet kollha tal-appellata.**

**L-ispejjeż tal-preżenti proċeduri u dawk quddiem l-Arbitru, għandhom ikunu a karigu tal-appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**

[2] Mill-atti tal-proċeduri arbitrali, ma jirriżultax li l-ittra uffiċjali tal-24.04.2017 ġiet debitament notifikata lill-appellanta.